MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2010

Numru. 510/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Alexander Grech]**

**vs**

**Isse Mustaf Mohamed**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Isse Mustaf Mohamed detentur tal-karta tal-identita` numru 32965(A).

Akkuzat talli fil-21 ta’ Mejju 2010, ghall-habta ta’ xi 1.15 p.m. waqt li kien fil-‘Marsa Open Centre’, Xatt il-Mollijiet, Marsa:
Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ PC 942 S. Chircop persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skont il-ligi minn

Awtorita` kompetenti, u dan bi ksur tal-Artitkolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ PC 942 S. Chircop persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz jew hil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamel hsara fl-istess proprjeta` u cioe` fuq qmis ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, liema hsara hija ta’ anqas minn €116 (LM50) (hamsin lira Maltin), u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ PC942 S. Chircop weggghu bi kliem b’gesti jew b’mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f’dagha u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) u 342 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ PC 942 S. Chircop sabiex jingurjah, idejjqu u jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati;

Rat l-atti kollha tal-kaz fejn il-Qorti rat ukoll l-ammissjoni tal-istess imputat, u fejn ikkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Semghet ukoll lid-difensur tieghu li sostna illi huwa ser ikun trasferit ghal dejjem lejn l-Istati Uniti.

Ghal dawn il-motivi, issib lill-imputat Isse Mustaf Mohamed hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------